# ID-DAWL

LULJU 2021 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 43

**"Tassew, hemm is-serħan wara t-tbatija."**



Is-Serħan wara t-Tbatija | Iż-Żwieġ Iżlamiku | Duru lejn il-Ħallieq | Il-Kalifat

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IS-SERĦAN WARA T-TBATIJA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Minħabba l-pandemija tal-Coronavirus, dawn l-aħħar xhur kienu verament diffiċli ħafna għal kulħadd. Dan huwa wkoll il-fatt li dan il-vjaġġ matul il-pandemija sar twil u inkwetanti, mimli tbatija, uġigħ u sofferenzi. Din il-pandemija bidlet id-dinja għalkollox; kollox sar ta' taħt fuq. Din il-pandemija bidlet kompletament id-dehra tad-dinja; il-mod kif niltaqgħu ma' xulxin, naħdmu mid-dar, ħafna programmi u laqgħat qed isiru onlajn u virtwali, u ħafna aktar.

Alla huwa Ħanin. Alla huwa dak li Jaħfer u dejjem jipprovdi s-serħan u t-trankwillità. Kif Alla wiegħed fil-Koran Imqaddes li, **"Tassew, hemm is-serħan wara t-tbatija"** (94:6), bil-grazzja Tiegħu qed naraw raġġi ta' tama u kuntentizza wara mina twila u ta' sofferenzi. Dan iż-żmien jitlob minna li nirriflettu fuq dawn ix-xhur li għaddew u l-lezzjonijiet li tgħallimna. Huwa importanti ħafna li qatt ma ninsew dawk il-lezzjonijiet u dejjem nipprattikawhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Dejjem nibqgħu qrib Alla u l-umanità. Qatt ma ninsew il-valuri ta' mħabba, mogħdrija, solidarjetà li tgħallimna iżjed il-valur tagħhom matul dawn l-aħħar xhur. Ejjew inkomplu nipprattikaw dawn il-valuri tant sbieħ li huma l-qofol tal-eżistenza tagħna.

## ID-DAWL

Lulju 2021 – Numru 43 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | Tel: 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

| | |
|---|---|
| Ease after hardship | 02 |
| Charitable work | 03 |
| Islamic Marriage | 04 |
| Turning to Allah | 06 |
| Ahmadiyya Khilafat | 08 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Gita Kulinitch Studio | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# IL-ĦIDMA SOĊJALI




Matul ix-xahar ta' Ġunju, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta b'kollaborazzjoni ma' Humanity First Switzerland, ipprovdiet l-ikel lil nies fil-bżonn. L-ikel ġie mogħti **lill-Malta Trust Foundation** – organizzazzjoni volontarja li taħdem taħt il-President Emeritu ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca; u lil **Reach Residential Home** – xelter fit-tul għal dawk l-individwi u familji li m'għandhomx saqaf fuq rashom.



# IŻ-ŻWIEĠ IŻLAMIKU

## Hamza Nisar, Awditur

Ir-raġuni għala għażilt din it-tema hija għaliex nemmen li llum il-ġurnata n-Nikah u l-importanza tal-familja m'aħniex qed nagħtu kashom biżżejjed. Il-kuntratt taż-żwieġ Iżlamiku jissejjaħ **Nikah**.

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, ifisser l-għerf tan-Nikah jew iż-żwieġ Iżlamiku u jgħid: "L-għerf tat-tħabbira tan-Nikah Iżlamiku jew ir-rabta taż-żwieġ huwa li skont il-kmandament ta' Alla Gglorifikat, ir-raġel u l-mara li qed jiffurmaw l-għaqda ta' miżżewġin jiggarantixxu fil-waqt tan-Nikah li jippruvaw iħarsu l-kmandamenti Divini moqrija quddiemhom u li jippruvaw isegwu l-versi Koraniċi rreċitati quddiemhom fil-waqt tan-Nikah ħalli jkunu jistgħu jadattaw ħajjithom skont dak li nqara lilhom.

L-aqwa parir [fil-ħin taċ-ċerimonja taż-żwieġ] huwa li wieħed ikun ġust. Għalhekk meta wieħed qed jagħti l-kunsens tiegħu għan-Nikah, wieħed qed jaċċetta li jsegwi l-kmandamenti Divini li jkunu moqrija dak il-ħin. Jekk verament għandek imħabba u biża' ta' Alla, ta' Alla l-Maħbub li ħa ħsieb il-ħtiġijiet kollha tiegħek minn meta twelidt, anzi saħansitra qabel ma twelidt, mela għandek tagħmel dejjem dak li jissodisfaH u bħala konsegwenza tkun mimli bil-benedizzjonijiet Tiegħu. Meta raġel u mara jiffurmaw unjoni permezz ta' pleġġ u jwiegħdu li jieħdu ħsieb xulxin, isir obbligu tagħhom li biex itejbu r-rabta ta' bejniethom, iridu jieħdu ħsieb ukoll tal-qraba tagħhom." (*Domestic issues and their solutions*, p. 14)

Kif tistgħu taraw, anki fiż-żwieġ, l-aqwa ħaġa hija ***Taqwa*** – l-onestà. Il-Koran Imqaddes kemm-il darba enfasizza l-importanza tal-onestà fiż-żwieġ. Matul iċ-ċerimonja taż-żwieġ, li hu mument ta' ferħ mhux biss għall-koppja, imma għall-familji li qed jersqu lejn xulxin biex jiffurmaw din ir-rabta devozzjonali, ħafna jinsew ir-responsabbiltajiet tagħhom. Il-ġenituri xi kultant jinsew l-importanza tal-komunikazzjoni mal-koppja li tkun għadha kif iżżewġet. Xi kultant il-familji jkollhom talbiet inġusti, sew il-familja tal-għarus sew dik tal-għarusa, u jinsew ir-raġuni ewlenija għala seħħet din ir-rabta.




Il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, iddikjara: "Mara tintalab biex tiżżewweġ huwa għal erba' raġunijiet: il-ġid tagħha, il-qagħda tal-familja tagħha, il-ġmiel tagħha u d-devozzjoni tagħha; iżda inti għandek tiżżewweġ lil dik il-mara li għandha d-devozzjoni, il-pjetà u l-onestà." Dan id-diskors jenfasizza l-importanza li wieħed jagħżel sieħeb jew sieħba devot u reliġjuż. Għalkemm ħafna nies ifittxu r-rikkezzi u l-ġmiel, dak li jgħodd iktar huwa l-onestà u l-fedeltà.

Xi ftit xhur ilu, ftit membri mill-Ahmadiyya Muslim Youth Association u jien iltqajna ma' membru mit-tim tas-sigurtà tal-Qdusija Tiegħu, il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana. Il-parir li tana kien biex dejjem niffokaw fuq l-onestà, infittxu d-difetti fina nfusna biex intejbu lilna nfusna u nsiru Musulmani Aħmadin aħjar u ċittadini aħjar. Qalilna wkoll biex dejjem infittxu l-onestà fis-sieħba tagħna aktar mill-ħwejjeġ materjali kollha. Qal li ż-żgħażagħ tal-lum il-ġurnata għandhom ħafna sfidi u distrazzjonijiet madwarhom, iżda l-Komunità taħdem qisha tarka biex tipproteġi liż-żgħażagħ minn dawn l-aljenazzjonijiet. Għalhekk, dejjem ipprova tejjeb lilek innifsek u dejjem fittex l-onestà kemm fil-mara kif ukoll fi sħabek u dan żgur li jżid il-barkiet fl-affarijiet materjali u spiritwali tiegħek.

Jiena ċert li jekk nitolbu regolarment, inkunu sinċiera u nżommu l-ogħla livell ta' ***Taqwa*** – Onestà, mhux biss niksbu s-sodisfazzjon u l-barkiet ta' Alla, iżda paċi dejjiema f'din il-ħajja u ta' warajha. Jalla Alla jgħinna biex nibqgħu nterrqu fil-mogħdija tal-onestà u d-devozzjoni. Ammen.

# DURU LEJN IL-ĦALLIEQ

## Noor-Ul-Hudah Khan, Avukat

Dak li rajna s-sena li għaddiet ma kien xejn ħlief kriżi dinjija. Mhux biss konna xhieda ta' telfien immens ta' ħajjiet, iżda wkoll ta' inkwiet soċjali kif ukoll ta' ħafna nies li kellhom problemi ta' saħħa mentali.

Alla jgħid fil-Koran Imqaddes:

> **"U proxxmu tiegħi, itolbu l-maħfra mill-Mulej tagħkom, imbagħad oqorbu lejH, Huwa jibgħat is-sħab li jitfgħu fuqkom xita qawwija, u jsaħħilkom saħħitkom. U titilqux 'l hemm midinba."** (11:53)

Qatt ma għaddieli minn rasi li kelli nesperjenza pandemija, kelma li qatt ma fhimt eżatt xi tfisser sa Marzu tas-sena l-oħra. Billi għext Londra fl-agħar mument tal-pandemija, stajt nara lid-dinja tinbidel kompletament. Minkejja li l-uċuħ kienu moħbija wara l-maskri, l-inkwiet kien evidenti. Minkejja l-ingwanti f'idejn in-nies, it-tregħid kien assolutament evidenti. Xi wħud beżgħu għal ħajjithom, xi wħud beżgħu għall-ħajjiet tal-maħbubin tagħhom u xi wħud beżgħu mit-telf ekonomiku li bla dubju kienu se jġarrbu.

Huwa fin-natura umana li wieħed jaħseb biex jifformula pjan għal ħajtu; iżda kienet l-2020 li wrietni aktar minn qatt qabel li xejn ma jmur kif ippjanat. Alla huwa l-aqwa wieħed li jista' jippjana. Madanakollu, insib li din ir-realtà għalina l-bnedmin hija ħaġa diffiċli biex naċċettawha.

Li wieħed jafda f'Alla tista' tkun diffiċli ħafna għal xi ħadd li ma jifhimx kif tista' sseħħ. Tista' tkun diffiċli immens għal dawk li jixtiequ li jippjanaw kollox u jistrieħu fuq il-pjanijiet tagħhom, li sfortunatament tgħodd għall-maġġoranza tan-nies fid-dinja. L-inċertezza li esperjenzajna heżżitna mill-qiegħ u l-inċertezza ħafna drabi twassal għall-ansjetà u d-dipressjoni. Madanakollu, minkejja t-toqol tagħha, l-aħjar mod kif tħossok aħjar huwa li tifhem li Alla jkollu l-aqwa ppjanat għalik.




Art Stocker | Shutterstock

Tista' tkun diffiċli ħafna biex wieħed jidentifika l-għan ta' ħajtu, fejn aħna nosservaw telf kbir b'kull mod. Huwa Alla Omnipotenti li tana skop f'ħajjitna, li nissodisfaw id-drittijiet Tiegħu u tal-Ħolqien Tiegħu. Irridu nirrispettaw lil xulxin u nħabirku biex ikun hawn il-paċi fid-dinja.

Fi żminijiet bħal dawn meta lanqas nistgħu nippjanaw għall-ġimgħa li ġejja, irridu nduru lejn il-Ħallieq tagħna aktar minn qatt qabel għaliex il-bieb tal-ħniena t'Alla dejjem jibqa' miftuħ, anki meta nsibu l-bibien tal-opportunità f'din id-dinja kollha magħluqin.

Alla jgħid fil-Koran Imqaddes:

> **"… Imbagħad dar lejhom bil-ħniena ħalli huma jersqu lejH. Tassew, huwa Alla Li Dejjem Jirritorna b'mogħdrija u huwa Ħanin."** (9:118)

Irridu nifitħu qlubna u moħħna u nwettqu dak li Alla amarna biex nagħmlu. F'xi waqt f'ħajjitna, għandna bżonn **"induru lejH"**, nagħrfu l-preżenza Tiegħu, inqiegħdu kollox f'idejH, nafdaw fiH, u tassew, inkunu mbierka bl-imħabba, il-kompassjoni, il-maħfra, il-ħniena u l-barkiet Tiegħu.

# IL-KALIFAT

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jgħid:

"Għalkemm il-Komunità Ahmadiyya Musulmana hi komunità żgħira, hi l-komunità li tiġġieled għal kawżi ġusti u hi r-rappreżentanta ġenwina tat-tagħlim veru tal-Iżlam... It-tagħlim tal-Iżlam ġie aktar elaborat u enfasizzat mill-fundatur tal-Komunità Ahmadiyya li aħna nemmnu li hu l-Messija Mwiegħed[as] u r-Riformatur ta' dan iż-Żmien. Hu beda billi ħabbar l-affermazzjoni tiegħu li Alla li Jista' Kollox poġġa żewġ piżijiet fuqi. Wieħed hu d-dritt ta' Alla u l-ieħor id-dritt tal-ħolqien ta' Alla. Kompla jgħid li taqdi d-dmir u tagħti d-drittijiet tagħhom lill-ħolqien ta' Alla kienet l-iktar sfida diffiċli u delikata.

B'riferenza għall-Kalifat, intom tistgħu tibżgħu li jista' jiġi żmien meta l-istorja tirrepeti ruħha u li jistgħu jinqalgħu gwerer b'riżultat ta' din il-forma ta' tmexxija. Ħalluni, madankollu, nassigurakom li għalkemm din l-akkuża titpoġġa kontra l-Iżlam, Jekk Alla Jrid, il-Kalifat tal-Ahmadiyya dejjem ikun magħruf bħala dak li jkun fuq quddiem nett biex imexxi l-kawża għall-paċi u għall-armonija fid-dinja, kif ukoll li jkun leali lejn il-pajjiż fejn il-membri tiegħu jkunu joqogħdu.

Il-Kalifat tal-Ahmadiyya qiegħed ukoll hawn biex jipperpetwa u jkompli l-missjoni tal-Messija u l-Maħdi[as], għalhekk assolutament m'hemm l-ebda raġuni ta' biża' mill-Kalifat. Dan il-Kalifat jiġbed l-attenzjoni tal-membri tal-komunità lejn it-twettiq ta' dawn iż-żewġ obbligazzjonijiet li għalihom il-Messija Mwiegħed[as] ġie u bħala riżultat jipprova joħloq paċi u armonija fid-dinja."[(1)]

(1) Il-kriżi dinjija u t-triq għall-paċi, p. 25-26

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**